MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1118/2013

Nadia **Zammit u zewgha Idriss Ali Affo-Odjou u b' digriet tas-27 ta' Novembru 2013 gew mahtura bhala kuraturi ad litem taz-zewg minuri uliedhom Zak u Samira**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Nadia Zammit u Idriss Ali Affo-Odjou *nomine* datat 21 ta’ Novembru 2013 ipprezentat quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta, fejn esponiet: -

Illi minn relazzjoni intima bejn Nadia Zammit u Idriss Ali Affo-Odjou, nhar l-21 ta' Settembru 2012 twieldu t-tewmin Samira u Zak u dan kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok A u B bin-numri progressivi 4467 u 4468 rispettivament;

Illi nhar l-10 ta' Awwissu 2013, il-genituri tar-rikorrenti, izzewgu u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok C;

Illi gara illi ghal xi raguni fuq ic-certifikati tat-twelid taz-zewg minuri rikorrenti, bhala parti minn kunjomhom tnizzlet il-kelma "Ali" li hu isem missierhom, minflok il-kliem "Affo-Odjou" li huwa l-kunjom proprju tal-missier rikorrenti;

Illi kunjom ir-rikorrenti Idriss Ali huwa imnizzel korrettament fic-certifikat taz-zwieg tal-esponenti u ghalhekk c-certifikat tat-twelid ghandu jirrifletti l-istess dettal;

Illi ghalhekk fl-att tat-twelid tal-minuri, il-kunjom taghhom ghandu ikun ‘Affo-Odjou' u wara jitnizzel 'Zammit' bhala kunjom l-omm;

Illi r-rikorrenti minuri hekk kif irrapprezentati mill-genituri taghhom ghandhom interess illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni sabiex kunjomhom jigi indikat bhala 'Affo-Odjou Zammit', u dan *a tenur* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili li jaghti l-jedd lill-esponenti li jitolbu ghar-registrazzjoni tal-kunjom li bih kienu konsistentement maghrufa u li jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Atti tat-Twelid u fl-atti kollha tal-istat civili taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti *nomine* umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportune:

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri, huma dawk ta' 'Zak Affo-Odjou Zammit' u 'Samira Affo-Odjou Zammit' u mhux Zak Ali Zammit u Samira Ali Zammit u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap.16;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid taz-zewg rikorrenti li jgibu n-numri progressivi 4467 u 4468 rispettivament, u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex isimhom jigi indikat u jkunu maghrufa bhala Zak Affo-Odjou Zammit u Samira Affo-Odjou Zammit kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tal-missier tal-minuri kull fejn jirrizulta u jkun hemm l-htiega.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Jannar 2014.

Rat ir-rikors ta’ Nadia Zammit u Idriss Ali Affo-Odjou datat 21 ta’ Novembru 2013 a fol 10 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tahtarhom kuraturi *ad litem* taz-zewg uliedhom minuri f’ dawn il-proceduri u f’ kull att iehor relattiv u sussegwenti; u l-Qorti laqghet it-talba kif jidher bid-digriet moghti fis-27 ta’ Novembru 2013 a fol 11 tal-porcess.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta’ Dicembru 2013 (fol 17) fejn espona:-

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-anqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li fil-punt tar-registrazzjoni tat-twelid taz-zewg minuri, id-dikjaranti fuq l-att tat-twelid kienu r-rikorrenti infushom u hekk kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. DRP 1 u Dok. DRP 2 fuq id-dikjarazzjoni maghmula minnhom bhala genituri *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16 il-kunjom li huma riedu li l-minuri jassumu kien "Ali Zammit". Huma ffirmaw tali dikjarazzjoni liema firma tfisser li accettaw Ii l-informazzjoni kif inserita hija wahda korretta. Minn imkien ma jirrizulta li fil-punt tar-registrazzjoni l-missier iddikjara li kunjomu kien "Affo-Odjou".

3. Illi b'zieda ma dan fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti, anness u immarkat Dok. DRP 3, saret il-legitimazzjoni ta' l-ulied *stante* li wliedhom kienu twieldu qabel mal-koppja zzewgu u bhala parti minn din il-legitimazzjoni l-genituri iddikjaraw car u tond illi l-kunjom ta' l-ulied ghandu jkun "Ali Zammit". Huma ffirmaw dan l-att u b'hekk accettaw li l-informazzjoni hija wahda korretta.

4. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta’ Jannar 2014 fejn Dr. Sharon Mizzi talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi l-isem tar-rikorrenti Nadia Zammit ghandu jkun Nadia Affo-Odjou Zammit, peress li dan huwa konjomha fiz-zwieg. Il-Qorti rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12, u billi din il-korrezzjoni hija mehtiega u ma tilledix id-drittijiet tal-intimat laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni ta’ l-atti kif mitluba; u l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar 2014 (fol 28) fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat id-Direttur Registru Pubbliku. Ir-rikorrenti u d-difensuri taghhom imsejhin tliet darbiet ma dehrux. Dr. Cordina ddikjara li f’dan l-istadju m’ghandux provi xi jressaq fuq l-affidavits esebiti. Il-Qorti ddiferixxiet ir-rikors ghas-sentenza in difett ostakolu ghas-27 ta’ Marzu 2014. Aktar tard dehret Dr. Rodianne Camilleri li hadet konjizzjoni ta’ dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar talba maghmula mill-genituri ta' minuri, bhala kuraturi *ad litem* tal-istess ghall-korrezzjoni fic-Certifikati tat-Twelid ta' uliedhom tewmin Samira u Zak bin-numri rispettivi numru 4467/12 u 4468/12. Ir-raguni ghat-talba hija dovuta ghall-zball fil-kunjom li gie registrat bhala l-kunjom tal-minuri u cioe il-kunjom "*Ali Zammit"* minnflok "*Affo-Odjou Zammit."*

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253(2) *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tal-minuri esebiti bhala **DOK A u Dok B,** li taht il-kolonna "*Isem il-Wild"* hemm rispettivament il-kliem "Samira/Zak" u "Ali Zammit." Kif irrileva l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, kienu l-genituri tat-tfal stess li, fid-dikjarazzjoni taghhom maghmula *ai termini* tal-artikolu 292A, identifikaw il-kunjom li huma riedu li t-tfal jassumu bhala "*Ali Zammit."* (**Dok DRP1** u **DRP2**). Inoltre fuq ic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti insibu l-annotazzjoni maghmula *ai fini* tal-gharfien mehtieg skont **l-artikoli 101 u 102 tal-Kap.16** li "*The parents are declaring that their children's surname will be 'Ali Zammit'*. (**DOK DRP3).**

Mill-affidavits li gew esebiti maghmula mill-konjugi Affo-Odjou (fol 26 u 27) jirrizulta li Zak u Samira twieldu minn relazzjoni li kellhom qabel iz-zwieg. Huma zzewgu f'Malta fl-10 ta' Awwissu 2013 (**DOK DRP3)** u uliedhom gew legittimati *per subsequens matrimonium* u mgharrfa fic-certifikat taz-zwieg taghhom.

Minn qari tac-certifikat taz-zwieg jirrizulta li l-isem u l-kunjom tar-ragel huma imnizzlin bhala "Idriss Ali Affo-Odjou". Ghalhekk tajjeb jissottomettu r-rikorrenti li l-kunjom tat-tfal registrat fuq ic-certifikat tat-twelid taghhom mhuwiex konformi mal-kunjom tal-missier kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

Ir-rikorrent Idriss Ali Affo-Adou jispjega dan l-akkadut billi jghid li missieru miet meta kien zghir u trabba' ma' ommu u mal-familjari ta' ommu. Dejjem kien maghruf bhala Idris Ali. Kien meta wasal biex jizzewweg f'Malta, u kellu jgib ic-certifikat tat-twelid tieghu minn pajjizu, it-Togo, li skopra li kunjomu kien  Affo-Odjou. Qal "*Therefore my real family name is Affo-Odjou."*

Ikkonsidrat li mill-provi prodotti jidher palezament li r-rikorrenti ghandhom ragunijiet tajba bizzejjed biex jitolbu l-korrezzjonijiet mehtiega sabiex uliedhom jiehdu l-kunjom korrett ta' missierhom skont in-normi vigenti fil-pajjiz taghna fejn l-ulied jiehdu kunjom missierhom (**artikolu 4(2)** tal-Kap.16) wara liema jistgħu jzidu kunjom xbubit ommhom, skont l-artikolu **292A** tal-istess Kap.16.

Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tindaga oltre dwar il-korrettezza tal-kunjom indikat mir-rikorrenti peress li dan gie debitament accettat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku wara accertazzjoni ta' dak imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid sottomess mir-rikorrent. Difatti l-intimat mhuwiex qed jikkontesta l-allegazzjoni li kunjom ir-rikorrent hu Affo-Odjou.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li  t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu akkolti.

Dwar it-tieni talba, l-uniku att sussegwenti ghall-att tat-twelid tal-minuri li jirrizulta mill-atti huwa l-att taz-zwieg bejn il-genituri **DOK DRP3** u ghandha ssir annotazzjoni ta' din is-sentenza fuq dan l-att.

Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-izball li sar u ma għandux ibati spejjeż.

Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-hames eccezzjoni tal-intimat in kwantu l-izball li sar mhuwiex attribwibbli lilu, u **tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti billi:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri, huma dawk ta' 'Zak Affo-Odjou Zammit' u 'Samira Affo-Odjou Zammit' u mhux Zak Ali Zammit u Samira Ali Zammit u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap.16;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna Ii jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid taz-zewg rikorrenti li jgibu n-numru progressivi 4467/2012 u 4468/2012 rispettivament, u dan billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u b'annotazzjoni apposita fuq

ic-certikat taz-zwieg numru 1473/2013 sabiex isimhom jigi indikat u jkunu maghrufa bhala Zak Affo-Odjou Zammit u Samira Affo-Odjou Zammit kull fejn ikun hemm mehtieg;

3. **Tilqa'** it-tielet talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fil-kunjom tal-missier tal-minuri kull fejn jirrizulta u jkun hemm il-htiega fuq ic-certifikati indikati fit-tieni paragrafu ta' din is-sentenza.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------